# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Gunju 2016**

**Numru 2**

**Appell Numru 276/16**

**Fl-Atti tal-kaz MAC 00037-2015-7**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Saliba**

**Il-Qorti:**

1. Rat li fl-14 ta' Gunju 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li semghet lill-partijiet jittrattaw l-arrest ai termini tal-Artikolu 412A subinciz 3 tal-Kapitolu 9, u wara li rat l-Artikolu 991 tal-Kapitolu 12 u wara li rat li minkejja l-garanzija tal-imputat ai termini tal-Artikolu 412A huwa baqa' ripetutament jonqos milli jidher ghall-kawza, sabet lil Robert Saliba hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u kkundannatu gimghatejn detenzjoni.

2. Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Robert Saliba tal-15 ta' Gunju 2016 li bih ai termini tal-Artikolu 1003(2)(3) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) appella mid-decizjoni fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors tal-appell tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-14 ta' Gunju 2016 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

3. Rat l-atti kollha relattivi u opportuni inkluzi dawk quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

4. Trattat l-appell u semghet lill-Avukat Generali jsostni li s-sentenza appellata kellha tigi konfermata peress li l-appellant diversi drabi naqas milli jidher ghas-seduti tal-Qorti minkejja li kien notifikat.

Ikkunsidrat

**5.** L-appellant isostni li s-sentenza ta' detenzjoni mhix ekwa u gusta ghall-fatt li naqas milli jattendi l-Qorti ghaliex huwa jahdem u ma jkunx id-dar ghal hafna mill-gurnata u l-anqas ikun fuq il-post tax-xoghol tenut kont li xogholu hu ta' konsenja u installar ta' impjanti tal-arja kondizzjonata. Huwa zied jghid li ma attendiex ghas-seduta minhabba konfuzjoni u skuza ruhu ghal dan in-nuqqas tramite l-avukat tieghu.

**6.** Huwa zied jghid li huwa jinsab akkuzat li naqas li jhallas il-manteniment lil martu liema manteniment qieghed jithallas regolarment billi jitnaqqas mill-paga tieghu ta' kull xahar u jigi trasferit fil-kont ta'  martu.

**7.** Jghid li bil-kundanna f'din il-kawza u f'kawza ohra simili f'kull kaz ghal detenzjoni ta' gimghatejn huwa sejjer jispicca bla xoghol bi hsara mhux biss ghalih izda wkoll ghal martu.

**Ikkunsidrat**

**8.** Fis-sentenza appellata l-artikolu tal-ligi citat mill-ewwel Qorti bhala li jiddefinixxi l-ghemil li tieghu l-appellant kien qieghed jinstab hati huwa l-artikolu 991 tal-Kapitolu 12. Dak l-artikolu jipprovdi:

"L-imħallef jew maġistrat imsemmi fl-artikolu 988 jista' jikkundanna minnufih għall-piena tal-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skont il-Kodiċi Kriminali kull min, bi kliem jew egħmil mhux xieraq waqt is-seduta, jagħmel xi att ta' disprezz tal-qorti, jew jinsulta lil xi persuna oħra."

**9.** Fs-sentenza, izda, l-ewwel Qorti ddeskriviet l-ghemil li tieghu kienet qed issib lill-appellant hati bhala konsistenti fil-fatt li "baqa' ripetutament jonqos milli jidher ghal din il-kawza".

**10.** Ghalhekk, jirrizulta *ictu oculi* mill-atti nfushom tal-procedimenti quddiem l-ewwel Qorti li l-ghemil li dwaru l-ewwel Qorti kienet qed issib htija ma jinkwadrax fl-artikolu citat minnha. Dan igib il-konsegwenza li l-ewwel Qorti naqset milli ticcita l-artikolu tal-ligi li johloq ir-reat li tieghu sabet htija u tenut kont li l-procedimenti ghal disprezz dejjem tqisu bhala li ghandhom mill-proceduri kriminali japplika dak previst fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi tassattivament li d-decizjoni ghandha ticcita l-artikolu li johloq ir-reat. In-nuqqas ta' tali rekwizit igib necessarjament in-nullita' tad-decizjoni appellata.

Ghall-motivi premessi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjara irrita u nulla s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur

Rf